# Iċ-Ċittadella, il-Katidral, u l-Arċiprieti tiegħu

diskors ta' Rev. Dr.
Joseph Bezzina
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja, tal-Patroloġija, u ta' l-Arkejoloġija Kristjana fl-Università ta' Malta
24 ta' Mejju, 1996

IĊ-ĊITTADELLA, il-Katidral, u l-Arċiprieti li mexxew din il-knisja, l-ewwel knisja dokumentata f'Għawdex, huma marbuta flimkien b'rabta mill-iktar qawwija. Fil-qosor ħafna se nitkellem dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom.

### *Iċ-Ċittadella*

L-għolja taċ-Ċittadella ta' Għawdex — il-lum dominata mill-kampnar majestuż tal-Knisja Katidrali — kienet sa mill-ibgħad żminijiet il-għolja qaddisa tal-gżira ta' Għawdex u tal-Għawdxin kollha li għammru fiha.

Meta sebat elef sena ilu n-Neolitiċi għaddew minn Sqallija u għammru għall-ewwel darba f'din il-gżira ta' Għawdex fittxew l-għoljiet u l-għerien qrib ir-raba' ħamri. Ir-raba' ħamri kien għalihom id-demm li xerrdet l-alla-omm hija u tiled id-dinja. Minn studju li qiegħed isir fuq dan il-fenomenu — u li qiegħed nagħmlu pubbliku għall-ewwel darba f'dan id-diskors — qiegħda toħroġ ċara din ir-relazzjoni bejn in-Neolitiċi u l-ħamri. Kemm id-djar primittivi li nsabu dan l-aħħar f'taċ-Ċawla, u kemm l-Imqades Megalitiċi huma mibnija fuq il-ħamri. Nafu li l-ħamri kien u fil-fatt għadu mxerred fuq il-qċaċet tal-għoljiet ta' Għawdex u wisq probbabli l-għolja taċ-ċittadella ma kinitx eċċezzjoni. Fl-istat naturali tagħha hija wkoll kienet bil-ħamri u għalhekk kalamita għan-Neolitiċi li għammru fostna.

L-Għawdxin ta' wara n-Neolitiċi, dawk li 6100 sena ilu bdew jibnu t-Tempji Megalitiċi, għożżew l-istess twemmin u tellgħu dawn it-tempji fuq il-qċaċet ta' l-għoljiet tax-Xagħra u ta' Ċenċ fuq raba' ħamri. Mhix ħaġa kbira li kienu wkoll tellgħu xi tempju fuq iċ-Ċittadella, iżda peress li din baqgħet mgħammra matul il-millennji ta' wara kull ħjiel taż-żminijiet ta' qabel intemm għal kollox.

In-nies li ġew wara dawn, 4500 sena ilu, imsejħa mill-istoriċi bħala ta' Żmien il-Bronż, fittxew il-qċaċet ta' l-għoljiet żgħar bħal taċ-ċittadella, ta' Kuljat, u n-Nuffara għal raġunijiet ta' difiża. In-navigazzjoni fil-baħar Mediterran kienet żdiedet sewwa u l-inżul mill-barranin fil-gżira kienet saret ħaġa iktar ta' spiss. In-nies għalhekk fittxew postijiet fil-għoli fejn setgħu josservaw dan l-inżul u minn fejn setgħu anki jħarsu ruħhom f'każ ta' attakk. Għandna ħjiel arkejoloġiku li 3500 sena ilu, fil-fażi preistorika ta' Malta msejħa ta' Borġ in-Nadur, il-għolja taċ-Ċittadella kellha komunità. Fis-snin sittin




*L-Imdina ta' Għawdex fil-mappa ta' Jean Quentin D'Autun (1536)*

tas-seklu dsatax meta bdiet tinbena t-Telgħa tal-Belt instabu numru ta' fosos forma ta' qanpiena tipiċi ta' dan iż-żmien, fosos li kienu jintużaw biex jinħażen il-qamħ u l-ilma.

Fis-sena 700 QK, 2700 sena ilu, Malta u Għawdex għaddew taħt l-influwenza tal-Feniċi u eventwalment tal-Kartaġiniżi. Minħabba l-istess raġuni tan-nies ta' Borġ in-Nadur dawn ukoll għammru f'postijiet fil-għoli li setgħu jiġu fortifikati. L-għolja taċ-Ċittadella fiċ-ċentru tal-gżira kienet ideali għal dan. Kienu huma li għall-ewwel darba introduċew il-kitba fostna u nafu min skrizzjoni li nstabet meta kienu qegħdin isiru l-ġibjuni fit-Telgħa tal-Belt li fi żmien il-Kartaġiniżi f'Għawdex kien hawn tliet tempji ddedikati lill-allat, wieħed minnhom iddedikat lill-alla Ashtart, l-alla tal-imħabba fil-mitologija Punika. Il-Kartaġiniżi, kif nafu minn ħafna nħawi oħra fil-Mediterran, kienu jibnu t-tempji fil-quċċata tal-belt fortifikata. B'dan il-parallelizmu wieħed jista' jikkonkludi mingħajr biża' li jiżbalja li xi wieħed jew iktar mit-tempji msemmija fl-iskrizzjoni kienu jiddominaw l-għolja taċ-Ċittadella.

Il-bini ta' bliet dominati minn tempji fuq il-qċaċet tal-għoljiet kien bil-mod il-mod konsolidat mill-kultura Ellenistika u Rumana u dan għal raġunijiet kemm militari, kif ukoll reliġjużi. Militarment għaliex akropoli, isimha magħha, belt fil-quċċata, kellha tkun ċittadella, jiġifieri belt fortifikata — il-vantaġġ tal-għoli kien jiffaċilita d-difiża tagħha. Reliġjożament 'l għaliex il-għolja fil-kultura tagħhom kien post mimli misteri u għalhekk post li jixhed il-preżenza ta' l-allat fost il-

bnedmin. L-Akropoli ta' Ateni u l-għolja Palatina ta' Ruma, biex insemmi tnejn biss, huma eżempji l-iktar ċari ta' dan.

Ir-Rumani rebħu lil Malta u Għawdex fis-sena 218 QK, fil-bidu tat-tieni gwerra Punika bejn Ruma u Kartaġni. Kif għamlu f'Ruma meta bnew it-tempji fuq l-għoja tal-Palatin u mhux fuq ix-xatt tat-Tevere, hekk għamlu f'Għawdex. Ir-Rumani bnew it-tempju ewlieni tagħhom fuq l-għolja taċ-ċittadella, l-akropoli tal-Belt u tal-gżira ta' Gaulos. Iddedikawh lill-alla Ġunone, ir-reġina ta' l-allat u l-alla tal-imħabba fil-mitologija Rumana. Sas-seklu tmintax meta kien qiegħed issir il-bini tal-Katidral kienu għadhom jidhru diversi fdalijiet ta' dan it-tempju. Ta'dan huma xhieda kittieba magħrufa li kienu Għawdex u li kitbu fuq dan, fosthom G.P.F. Agius De Soldanis (1745), Giovanni Antonio Ciantar (1772), u Jean Houel (1787).

Il-poplu Għawdxi milli jidher kien minn qaddisu poplu reliġjuż dejjem lest li jqim u jitgħallem iktar dwar l-allat. Ħataf għalhekk l-okkażjoni tal-miġja ta' San Pawl f'Malta fis-sena 60 WK biex jagħraf reliġjon ġdida. L-ewlenin insara qiemu lil Kristu li ħabbar Pawlu fi djar privati, iżda mar-raba' seklu bdew jinbnew ukoll il-knejjes.

Ma għandna l-ebda prova ta' fejn inbniet l-ewwel knisja f'Għawdex. Tradizzjoni popolari qadima kienet tgħid li l-insara Għawdxin biddlu t-tempju ta' Ġunone fiċ-ċittadella f'Maqdes nisrani. Din mhix għajr tradizzjoni, iżda jista' jkun li xi fiha xi ħjiel ta' verità, għax hekk ġara f'ħafna nħawi ta' l-Imperu Ruman mis-seklu erbgħa 'l quddiem. Jekk inhu hekk l-ewwel knisja kienet proprju fejn illum hu mibni l-Katidral. Hu veru li prova ċerta ta' dan m'hemmx, iżda ħaġa ta' l-iskantament, meta tliet mit sena ilu kienu qegħdin jitħaffru l-pedamenti tal-Katidral il-ġdid instabu fdalijiet ta' tempju Ruman; uħud minn dawn il-fdalijiet għadhom jeżistu sal-lum.

Fil-535, Malta u Għawdex għaddew taħt l-Imperu Biżantin u nafu li dik il-ħabta Malta kienet djoċesi bl-isqof tagħha. Hi ħaġa ċerta li f'Għawdex kien hawn knisja u l-argumenti li semmejna jġegħluk taħseb li din kienet proprju fl-akropoli. Iżda kull ħjiel li seta' kien hemm ta' knisja Biżantina ntemm fis-sena 870 meta l-arċipelagu Malti kien okkupat mill-Għarab Aglabiti. Jgħarrafna Al-Himyarî, kittieb mill-Magħreb, li l-Għarab, meta ħatfu l-gżejjer, ħarbtu kull ma sabu u żarmaw il-knejjes minn kollox. Għal madwar 180 sena, l-arċipelagu kien abbandunat, iżda fl-1049 l-Għarab bdew igħammru fil-gżejjer u, fost l-oħrajn, iffortifikaw l-Imdina ta' Malta u *l-Imdina* ta' Għawdex. Li l-belt ta' Għawdex, bħal dik ta' Malta, kienet msejħa min-nies bl-isem Mdina nafuha minn kitba ta' l-1585 fl-atti tan-Nutar Joannes Domenicus Formosa. Il-kelma Mdina, mill-Għarbi *'almadina,* juri li mal-miġja permanenti tal-Misilmin minn Sqallija l-għolja taċ-Ċittadella reġgħet saret il-belt ewlenija ta' Għawdex. Għolja li ntgħażlet għall-istess raġunijiet li kienu għażluha n-nies ta' Borġ in-Nadur żewġ millennji u nofs qabel.

Wara l-1127, Malta u Għawdex għaddew taħt l-influwenza ta' diversi nazzjonijiet Ewropej: in-Normanni, l-Iżvevi, l-Anġojjini, u l-Aragoniżi. Reġgħu xettlu fostna r-reliġjon nisranija u magħha reġgħu nbnew il-knejjes. Ħjiel ta' knisja fl-Imdina ta' Għawdex jinsab f'rapport magħmul fl-1241 minn Gilibertus Abate. Jirreferi għaċ-ċittadella bħala *castrum,* kelma li fid-dokumenti medjevali tindika preċiżament post fortifikat li kellu daħla



*Il-fortifikazzjonijiet ġodda tal-Belt ta' Għawdex (1622)*

b'pont li seta' jintrefa' u li fih kien hemm id-djar u knisja parrokkjali. L-istess dokument important jindika li l-uniku post mgħammar f'Għawdex kien dan il-*castrum,* li l-Għawdxin, bħal Maltin, baqgħu isejħulu Mdina. Nafu minn dokumenti posterjuri li, min-naħa ta' nofsinhar, il-parti fuq ir-riħ ta' It-Tokk, l-Imdina kienet estiża iktar milli hi llum.

Il-popolazzjoni kienet sadatant dejjem tikber u, meta ma kienx hemm iktar wisa' fl-Imdina, in-nies bdew jibnu 'l barra mis-swar ta' l-Imdina u nħoloq bil-mod il-mod *ir-Rabat,* kelma mill-Għarbi li tfisser sewwa sew subborg. Ġara eżattament l-istess qrib iż-żewġ *castra* ta' Malta: l-Imdina u l-Kastellimar. Ħdejn l-Imdina inħoloq ir-Rabat, tant li sal-lum jingħad ir-Rabat ta' l-Imdina; ħdejn il-Kastellimar jew Kastel Sant'Anġlu nħoloq il-Birgu. Rabat, subborg, u birgu ifissru l-istess, bini 'l barra mis-swar tal-Belt. Il-Birgu ssejjaħ hekk għaliex żviluppa fis-seklu ħmistax meta t-tifsira Għarbija tal-kelma Rabat kienet intesiet u ma kinitx għajr isem toponomastiku għar-Rabat ta' l-Imdina ta' Malta u ta' Għawdex.

Minkejja l-iżvilupp tar-Rabat, Għawdex, l-Imdina baqgħet il-post ewlieni. Dan tixhdu mhux biss kull dokumentazzjoni li waslitilna, iżda wkoll il-binja sabiħa tal-palazz stil ta' Chiaramonte li għadu wieqaf u li llum inbidel f'Mużew tal-Folklor.

Il-ħitan ta' dan il-*castrum* baqgħu jissewew u jitraqqgħu sa tmiem is-seklu sittax. Il-Kavallieri ta' San Ġwann, li bdew imexxu l-gżejjer fl-1530, qajla għamlu biex itejbu d-difiża tal-Belt ta' Għawdex.

F'Lulju ta' l-1551, il-ħitan qodma ċedew quddiem il-qawwa Torka u l-parti kbira tal-Għawdxin ittieħdu fil-jasar. Iżda dawk li ħarbu u reġgħu lura u dawk li kienu mifdija rritornaw igħammru fiċ-ċittadella. Fost dawn ta' l-aħħar kien hemm Dun Lawrenz de Apapis, il-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ.

Wara l-Assedju ta' l-1551, il-kelma Mdina ntesiet bħala isem toponomastiku għax ħafna mill-Għawdxin kienu mietu fil-jasar u l-Imdina ta' Għawdex bdiet tis-sejjaħ *il-Belt.* Kellhom influss fil-bdil ta' l-isem l-immigranti Maltin f'Għawdex wara l-1551; sejħu l-Imdina ta' Għawdex *il-Belt,* kif sejħu l-Imdina l-ġdida tagħhom Valletta bħala il-Belt. L-użu tal-kelma Belt għadu jeżisti fost ħafna anzjani: fin-Nadur, fiż-Żebbuġ u f'irħula oħra jingħad *sejjer il-Belt* (għall-Katidral, l-ikbar binja li għadha wieqfa fil-Belt); tax-Xagħra, tal-Belliegħa, u ta' Wied Sara jgħidu *il-Belt qed iddoqq* (għall-qniepen tal-Katidral). Il-Belt teżisti wkoll fl-isem toponomastiku *it-Telgħa tal-Belt,* jiġifieri taċ-Ċittadella. Fl-1599, il-Kavallieri bdew il-bini tal-fortifikazzjonijiet moderni li għadhom sal-lum jiddominaw il-gżira ta' Għawdex.

Lejn tmiem is-seklu dsatax, l-Ingliżi bdew jirreferu għal din il-Belt bħala *the Citadel* u din għaddiet għall-Malti u saret *iċ-Ċittadella.*

## *Il-Katidral*

Ir-rapport ta' l-1241, kif semmejna, jirreferi indirettament għal knisja fl-Imdina ta' Għawdex. Nafu mir-rapport li mit-366 familja li kienu joqogħdu fil-*castrum,* 203 kienu nsara; jiġifieri minn popolazzjoni ta' madwar 1700, qrib 940 kienu jiffrek-wentaw il-parroċċa.

L-eżistenza ta' parroċċa fil-*castrum* jew fl-Imdina hi konfermata f'testment fl-atti tan-Nutar Genus de Puntetremulo tat-8 ta' Frar, 1299, testment li jinsab fl-Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona f'Barċellona. Taħt l-Aragoniżi, li mexxew lil Malta u Għawdex bejn l-1282 u l-1530, il-popolazzjoni kienet tikber bil-mod il-mod għax minkejja ċerta instabilità politika, kien kotor il-ġid. Il-knisja ewlenija ta' l-Imdina ta' Għawdex ġiet 'l quddiem ukoll, tant li f'testment tat-12 ta' Ottubru, 1435, fl-atti tan-Nutar Andrea de Beniamino, il-knisja tissejjaħ *Sanctae Mariae Matricis Ecclesiae...praedictae terrae* il-Knisja Ma-triċi ta' Santa Marija ta' dik l-art, ta' Għawdex.

Il-kelma *matriċi* jew *knisja omm* turi l-ewwel u qabel kollox l-importanza ta' din il-knisja. It-tieni din il-kelma tixhed li minn din il-knisja kienu tnisslu parroċċi oħra. Inkiteb li matriċi tista' tfisser omm il-kappelli ta' madwar u mhux bil-fors ta' parroċċi oħra. Hekk hu, iżda dan *mhux il-każ* tal-Matriċi ta' Santa Marija. L-ewwelnett fl-1435 fir-Rabat ta' l-Imdina ta' Għawdex kien hemm żgur parroċċa oħra, il-parroċċa ta' San Ġakbu, u għal-hekk meta f'dan it-testment u f'diversi test-menti ta' wara jingħad li hi l-Matriċi ta' Għawdex, qiegħed jingħad li hi l-matriċi tal-parroċċi eżistenti wkoll. It-tieni, il-kappelli madwar il-Matriċi bdew jinbnew wara l-1494 u għalhekk fl-1435 ma setgħetx kienet matriċi tagħhom.

Fost dawk li jsejħu din il-knisja bħala *matricem ecclesiam intius Insulae Gaudisi,* il-Knisja Matriċi f'din il-gżira ta' Għawdex, insibu lin-Nutar Dun Lawrenz de Apapis, kappillan ta' San Ġorġ, fit-testment tiegħu tad-9 ta' Mejju, 1579. Mill-erba' parroċċi eżistenti f'Għawdex fis-seklu ħmistax, l-unika waħda b'dan it-titlu hi l-Matriċi ta' Santa Marija; dan



*Il-Katidral: l-ewwel ġebla tqiegħdet fil-21 ta' Settembru 1697, 300 sena ilu.*

ifisser li minn kważi sitt mit sena ilu din il-Knisja kienet miżmuma bħala l-ewwel waħda ta' Għawdex.

Tul l-imsemmi Assedju Kbir ta' Għawdex ta' Lulju 1551, il-Matriċi ġarrbet ħsarat kbar iżda fi żmien sentejn kienet msewwija u nafu li reġgħet kienet qiegħda tintuża f'Settembru 1554. Il-Knisja baqgħet dejjem tiġi mkabbra u msebbħa. Nhar is-6 ta' Ġunju, 1623, l-Isqof ta' Malta u Għawdex Baldassar Cagliarès waqqaf fil-knisja l-ewwel Kolleġġjata ta' Għawdex. Numru ta' qassisin, li 'l quddiem issejħu kanonċi, kienu jiltaqgħu ta' kuljum fil-kor tal-Matriċi ħalli flimkien jirreċtaw l-Uffizzju Divin skond l-intenzjoni u għall-bżonnijiet tal-benefatturi ta' l-istess knisja.

Il-binja medjevali tal-knisja baqgħet wieqfa sa tmiem is-seklu sbatax. Nhar il-11 ta' Jannar, 1693, kienet theżżet l-art u fost il-bini li ġarrab ħsara f'dan it-terrimot kien hemm din il-Knisja Matriċi, li kif tgħid l-iskrizzjoni fuq il-fonti tal-magħmudija kienet *vetustate pene confectam,* immermra minħabba l-qedem tagħha. Wara li qagħdu jtellgħu u jniżżlu, qatgħuha li minflok ma jsewwu l-ħsarat li saru, iwaqqgħuha għal kollox u jibnu knisja ġdida. Għal dan il-għan intalab jagħmel pjanta l-magħruf arkitett Malti Lorenzo Gafà (1630-1704). Ippjana knisja fuq stil barokk il-ġmiel tagħha u x-xogħol beda fi żmien qasir. Kienet miftuħa u mbierka lejliet Santa Marija 1711 u ħames snin wara, nhar l-11 ta' Ottubru, 1716, l-Isqof Ġakbu Cañaves ikkonsagra l-Knisja u ddedikaha lit-Tlugħ tal-Madonna fis-Sema u lil Sant'Orsla, verġni u martri, kompatruna ta' Għawdex.

Nhar is-16 ta' Setembru, 1864, il-Papa Piju IX għażel lill-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija bħala l-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

## *L-Arċiprieti*

Kulma sar tul il-mijiet ta' snin li ilha teżisti din il-knisja, flimkien mal-ħidma spiritwali, pastorali, u soċjali li qajla tkun dokumentata, sar bil-ħidma sfiqa tal-kappillani u l-arċiprieti li mexxewha flimkien malqassisin li kkolaboraw magħhom.

L-istruttura tat-tmexxija ta' knejjes lokali minn isqfijiet u ta' knejjes partikulari fil-lokalitajiet minn kappillani hi qadima bis-sħiħ. Fil-bidunett l-Isqof waħdu kien il-mexxej tal-Knisja lokali u biex jgħinuh fit-tmexxija kien ikellu diversi djakni li kienu jieħdu ħsieb il-knejjes fil-lokal li kien jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. Il-liturġija ewkaristika kienet tkun dejjem immexxija mill-Isqof.

L-istruttura ħadmet tajjeb ħafna sakemm il-knejjes kienu mwaqqfa' biss fl-ibliet. Iżda meta l-knisja kompliet tikber u xterdet ukoll fil-kampanja ma setgħetx tkompli t-tmexxija mid-djakni biss. Għax kif jaf kulħadd id-djaknu ma jistax iqaddes, u għalhekk ma setax imexxi l-assemblea kristjana fit-talba ewlenija tassagrifiċċju tal-quddiesa. Hekk bħala kapijiet tal-knejjes fil-kampanja bdew jitqiegħdu l-presbiteri jew il-qassisin li setgħu jmexxu wkoll l-assemblea kristjana fil-quddiesa, jippridkaw, u jassolvu l-penitenti. Il-presbiteru-mexxej, li biżżmien ħa l-post tad-djaknu, beda jissejjaħ pastur jew kappillan.

Min kienu l-ewwel kappillani tal-Parroċċa-Matriċi ovvjament mhux magħruf għax ħafna mid-dokumenti qodma ta' Għawdex intemmu fl-Assedju ta' l-1551. Fl-eqdem żewġ arkivji ta' Malta, f'dak tal-Katidral ta' l-Imdina u tal-Bibljoteka Nazzjonali, jeżistu iktar minn lista waħda ta' kappillani u arċiprieti tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. Tagħrif dwar il-kappillani qabel l-1551 hu bbażżat fuqhom, waqt li ta' dawk ta' wara hu bbażżat fuq id-dokumenti oriġinali miżmuma fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Kurja Veskovili ta' Għawdex, u l-Arkivju tal-Katidral.

L-eqdem lista tibda fl-1495 — ħames mit sena ilu. L-ewwel kappillan li nafu bih hu Dun Paulus Marabattino. Min dak inhar kellha 23 mexxej: sebgħa kappillani, u, inkluż Dun Ġużepp Vella-Gauci, sittax-il arċipriet, titlu mogħti lill-kappillan tal-Matriċi mat-twaqqif tal-Kolleġġjata fis-6 ta' Ġunju, 1623. L-inqas li dam fil-kariga kien Dun Domenicus Mangion li dam imexxi tliet snin biss bejn l-1528 u l-1531; waqt li l-iktar li dam kien Dun Feliċ Refalo li mexxa għal 45 sena u sitt xhur bejn l-1871 u l-1917.

Insemmi fil-qosor uħud minn dawn il-mexxejja tal-Matriċi bil-ħidma li għamlu. B'tifħir insemmi l-ewwel lill-Kappillan Nikol Castelletti (1531-1553) li, quddiem il-biża ta' l-Assedju ta' l-1551, ma ħarabx bħal ħaddieħor lejn Sqallija, iżda baqa' mal-parruċċjani tiegħu u magħhom ittieħed fil-jasar fejn miet bittbattija li ġarrab. Ta' warajh Dun Leonard de Cace (1553-1572) intbagħat Għawdex fost biżà kbir ta' attakk ieħor biex jieħu ħsieb spirtwali tal-Għawdxin li kienu rritornaw f'Għawdex wara l-Assedju. L-ewwel arċipriet Dun Salv Pontremoli (1621-1655) kien il-moħħ wara t-twaqqif tal-Kolleġġjata u t-tiġdid tal-ħajja pastorali fil-knisja. Dun Karlu Magri (1681-1693), li l-kotba tiegħu kienu stampati f'diversi bliet Ewropej, kien wieħed mill-iktar arċi-



*L-awtur, Rev. Dr. J. Bezzina waqt id-diskors.*

prieti għorrief. Dun Nikol Natale Cassia Magri (1693-1729) bena dan il-Katidral u organizza l-ewwel purċissjoni ta' Santa Marija nhar il-15 ta' Awwissu, 1726. Dun Saver Cassar (1773-1805), li laħaq arċipriet ta' sebgħa u għoxrin sena, l-iżgħar li nafu bih, kien l-ewwel wieħed li talab għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex; djoċesi li saret realtà bil-ħidma bla waqfien ta' l-Arċipriet Dun Mikiel Franġisk Buttigieg (1848-1866), li fl-1864 sar l-ewwel Isqof ta' Għawdex u baqa' wkoll arċipriet tal-Katidral. Fl-aħħarnett insemmi lil Dun Karm Scicluna (1976-1995) li tħabat kemm felaħ biex reġa qajjem il-ħajja pastorali fil-Katidral wara raqda ta' iktar min-nofs seklu.

## *Konklużjoni*

Jiġifieri għandu lil min jimita l-Arċipriet il-ġdid! Dun Ġużepp Vella-Gauci qiegħed jibda l-ħidma tiegħu qrib żewġ anniversarji importanti ħafna fl-istorja ta' dan il-Katidral. Is-sena d-dieħla, nhar it-13 ta' Awwissu, jaħbat egħluq il-100 sena minn meta waslet l-istatwa ta' Santa Marija u ddawret għall-ewwel darba ma' din il-Belt ta' Għawdex. Ħames ġimgħat wara, nhar il-21 ta' Settembru, jaħbat egħluq it-300 sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Katidral.

Infakkru kif jixraq dawn l-anniversarji b'turija ta' ħajr għal dawk li ħadmu qabilna. Iżda naħdmu fuq kollox ħalli fil-parroċċa jkollna nsara iktar qrib ta' Ġesù Ewkaristija, iktar bieżla għall-ħwejjeġ tar-ruħ, u iktar devoti, mhux bil-kliem iżda bil-fatti, tal-patruna tagħna lkoll Santa Marija.